MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta tat-22 ta' Gunju, 2007

Talba Numru. 1698/2004

**Citadel Inisurance plc kif surrogata fid-drittijiet ta` l-assikurat taghha Carmel Deguara sija bil-polza u sija bil-ligi u l-istess Carmel Deguara**

**Vs**

**Mario Domenic Caruana**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-3 ta` Settembru, 2004 fejn intalab li l-konvenut kellu jigi kkundannat ihallas lill-atturi s-somma ta` elf, mitejn u disgha u tmenin lira, tnejn u sittin centezmu (Lm1,289.62) rapprezentanti valur ta` danni sofferti f'incident stradali li sehh nhar it-28 ta` Settembru, 2002 gewwa Triq Regjonali, San Giljan bejn il-vettura numru DBH 929 misjuqa minn Charles Deguara u proprjeta` ta` l-attur u dik bin-numru JAV 351 misjuqa mill-konvenut ghal liema ncident l-istess konvenut kien unikament responsabbli.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta` ittra ufficcjali datata 22 ta` Ottubru, 2003 u ohra prezentata kontestwalment ma` dan l-avviz kontra s-socjeta` assikurattrici tal-konvenut ai termini tal-Kap. 104 tal-Ligijiet ta` Malta u bl-imghax legali sal-hlas effettiv kontra l-konvenut minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenut datata 30 ta` Settembru, 2004 fejn ikkontesta r-responsabbilita` ta` l-incident in kwistjoni u kwindi ma ghandu jhallas ghal ebda danni oltre ghall-fatt li dawn ghandhom jigu ppruvati. Salve eccezzjonijiet ohra u b'riserva ghall-azzjoni ta` danni spettanti lilu.

Bl-ispejjez kontra l-atturi.

Ra l-provi migjuba nkluz id-dokumenti esebiti.

Ikkunsidra.

L-incident in kwistjoni sehh kemm kemm 'il barra mill-mina ta` Triq Regjonali fid-direzzjoni ta` San Giljan. Is-sewwieq Charles Deguara xehed li huwa kien qed isuq fuq in-naha tal-lemin tat-triq biswit ic-centre strip. Qabel l-incident kien lemah il-vettura l-ohra ssuq warajh pjuttost pero` bejn karreggjata u ohra. Hekk kif gie biex jaqsam l-ewwel gutter, Deguara jghid li naqqas fil-velocita` u kien f'dan il-mument li hass l-ewwel daqqa mal-vettura tieghu. L-impatt sehh fuq wara fuq in-naha tax-xellug filwaqt li l-vettura l-ohra kellha d-daqqa taghha fuq quddiem lejn in-naha tal-lemin. Il-hsarat fuq il-vettura tal-attur jidhru fuq ir-ritratt esebit u mmarkat Dok. CD 1. Mad-daqqa il-vettura ta` l-attur iggembet lejn ic-centre strip minn quddiem u lejn in-naha ta` barra minn wara. Minhabba tali moviment wara l-impatt u peress li l-konvenut baqa` miexi, iz-zewg vetturi regghu missew lil xulxin b'mod hafif fuq in-naha ta` wara ta` kull vettura. Din il-verzjoni giet rappurtata fir-rapport tal-pulizija a fol. 28 et seq. Skizz ma sarx peress illi l-vetturi kienu lahqu ccaqilqu minn fuq il-post wara l-impatt. In kontro ezami, Deguara zamm ferm mal-verzjoni li huwa kien ta sew a tempo vergine u kif ukoll meta xehed in ezami u t-Tribunal sab li dan ix-xhud kien ferm kredibbli mill-mod kif esprima ruhu u mill-komportament tieghu fuq

il-pedana tax-xhieda partikolarment meta ssejjah in kontro-ezami.

Fl-istess rapport il-konvenut allega li huwa kien miexi fuq in-naha ta` gewwa u l-impatt sehh meta Deguara kien qed jaghmel manuvra ta` surpass. Meta l-pulizija ndikawlu kif jista` jispjega allura l-hsara li kellu fuq il-mudguard ta` quddiem, huwa wiegeb li dawn kienu hemm minn qabel. Meta xehed in kontro-ezami il-PS 500 John Giusti li ghamel ir-rapport, dan spjega li l-hsara fuq quddiem in-naha tal-lemin tal-vettura tal-konvenut kienet kompatibbli mad-daqqa li kien hemm fuq wara in-naha tax-xellug ta` l-attur. Fl-istess hin ighid li l-hsara li kien hemm fuq wara lejn in-naha tax-xellug tal-vann ma kinietx kompatibbli ma kif gara l-incident.

Fix-xhieda tieghu l-konvenut ighid li huwa kien miexi fuq in-naha ta` gewwa lejn id-direzzjoni ta` San Giljan. Kif qorob id-dahla fuq ix-xellug biex tidhol ghas-Swieqi, giet vettura minn warajh u laqtitu fuq wara lejn in-naha tal-lemin u baqa` sejjer sakemm waqaf aktar ‘il quddiem fuq in-naha ta` barra. Huwa jghid li l-hsara fuq il-vettura tieghu kienet mal-genb kollu minn wara sa quddiem. Anke l-hsara tat-transit fuq in-naha tax-xellug iggarrab fl-istess incident peress illi bl-impatt il-konvenut ighid li tkaxkar mal-genb. In kontro-ezami jikkonferma li l-akbar hsara kienet fuq in-naha tal-lemin. Jallega wkoll li l-vettura ta` Deguara kienet gejja bi speed u lilu ma rah xejn qabel l-impatt. B’dana kollu din il-verzjoni tal-konvenut ma tispjegax kif il-vettura ta` Deguara soffriet hsarat fuq wara in-naha tax-xellug taghha u lanqas ma tispjega l-hsara li kellu l-konvenut fuq quddiem lejn il-lemin tieghu.

Il-prova dwar il-valur tal-hsarat sofferti fil-vettura ta` l-attur gew imressqa tramite d-dokumenti esebiti minn Dr. Edmund Zammit Laferla li ma jidhirx li gew ikkontestati mill-konvenut.

It-Tribunal ghalhekk qieghed jaqta` u jiddeciedi dan il-kaz billi jiddikjara li l-konvenut Mario Domenic Caruana kien unikament responsabbli ghall-incident stradali in kwistjoni, kwindi jichad l-eccezzjonijiet sollevati mill-istess konvenut,

jakkolji t-talbiet attrici u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi s-somma mitluba ta` elf, mitejn u disgha u tmenin lira, tnejn u sittin centezmu (Lm1,289.62) bl-imghax legali dekorribbli mit-22 ta` Ottubru, 2003 u bl-ispejjez kollha ta` din l-istanza a karigu ta` l-istess konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------